Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1850

5.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1850

tal-4 ta' Lulju 2024

li jagħti protezzjoni fl-Unjoni lid-Denominazzjoni ta' Oriġini "زيت زيتون تبرسق / Huile d'Olive Téboursouk" irreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-Att ta' Ġinevra

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 5(1) u (2) tal-Att ta' Ġinevra, l-Awtoritajiet Kompetenti ta' kull Parti Kontraenti għall-Att ta' Ġinevra jistgħu jirreġistraw applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' Denominazzjoni ta' Oriġini jew ta' Indikazzjoni Ġeografika mal-Bureau Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali, li jirreġistraha fir-Reġistru Internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Att ta' Ġinevra. F'konformità mal-Artikolu 9 tal-Att ta' Ġinevra, il-Partijiet Kontraenti l-oħra għandhom jipproteġu denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fis-sistema legali tagħhom stess soġġetti għal ċaħda, rinunzja, invalidazzjoni jew kanċellazzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 6(4) tal-Att ta' Ġinevra, fis-27 ta' Settembru 2023, il-Bureau Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali nnotifika lill-Kummissjoni li l-isem "زيت زيتون تبرسق / Huile d'Olive Téboursouk", użat mit-Tuneżija, kien ġie rreġistrat bħala Denominazzjoni ta' Oriġini fir-Reġistru Internazzjonali tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi skont l-Att ta' Ġinevra.

(3) Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1753, ir-reġistrazzjoni internazzjonali tal-Denominazzjoni ta' Oriġini "زيت زيتون تبرسق / Huile d'Olive Téboursouk" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) biex tkun tista' tiġi ppreżentata oppożizzjoni possibbli.

(4) F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/1753, il-Kummissjoni vvalutat ir-reġistrazzjoni internazzjonali tad-Denominazzjoni ta' Oriġini "زيت زيتون تبرسق / Huile d'Olive Téboursouk" skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu, inkluża l-informazzjoni addizzjonali mitluba intenzjonalment lit-Tuneżija fir-rigward tad-dettalji li jikkonċernaw il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi kif stabbilit fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona, u kkonkludiet li dawn ġew issodisfati.

(5) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda oppożizzjoni skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1753, jenħtieġ li l-isem "زيت زيتون تبرسق / Huile d'Olive Téboursouk" jiġi protett fl-Unjoni, f'konformità mal-Att ta' Ġinevra.

(6) Billi d-Denominazzjoni ta' Oriġini "زيت زيتون تبرسق / Huile d'Olive Téboursouk" ġiet irreġistrata skont il-Ftehim ta' Liżbona, jeħtieġ li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni mogħtija minn dan ir-Regolament u l-konsegwenzi u l-kundizzjonijiet ta' protezzjoni fis-seba' Stati Membri li huma parti mill-Ftehim ta' Liżbona.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika dwar il-Kwalità għall-prodotti agrikoli, l-inbid u x-xorb spirituż skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

([1]) ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1753/oj.
([2]) ĠU C, C/2023/430, 20.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/430/oj.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "زيت زيتون تبرسق / Huile d'Olive Téboursouk", irreġistrat bħala Denominazzjoni ta' Oriġini fir-Reġistru Internazzjonali, għandu jkun protett fl-Unjoni.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tat-tip "Żejt taż-żebbuġa".

Artikolu 2

Il-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 1 tapplika għat-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea u tieħu post ir-reġim nazzjonali ta' protezzjoni applikabbli fl-Istati Membri li huma parti mill-Ftehim ta' Liżbona. Għandha tiġi ggarantita l-kontinwità mal-protezzjoni nazzjonali mogħtija f'dawk l-Istati Membri lid-Denominazzjoni tal-Oriġini "زيت زيتون تبرسق / Huile d'Olive Téboursouk".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN